

# Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Fuq Tal-Blat

**Is-Sur Carmel Bianchi**

Id-devozzjoni lejn Santa Marija f'Ħal Qormi hi kbira ħafna. U dan huwa fatt! Ix-xhieda ta' din id-devozzjoni lejn Santa Marija huwa wkoll l-istatwi li naraw mal-ħitan tad-djar fil-Belt Pinto. Żewġ statwi kbar u sbieħ ta' Santa Marija nistgħu narawhom, waħda qabel titla' z-zuntier tal-knisja ddedikata Lilha taħt it-titlu Tal-Ħlas u l-oħra quddiem il-kappella ta' Fuq tal-Blat, iddedikata wkoll lil Santa Marija. Fil-knisja tal-Vitorja f'Ħal Qormi, ukoll insibu altar iddedikat lil Santa Marija. F'dan l-artiklu tiegħi, se nagħti tagħrif dwar il-kappella ta' Santa Marija ta' Fuq tal-Blat. Aħna l-Qormin insibu din il-knisja bħala Fuq tal-Blat, għaliex fejn hi mibnija din il-kappella, f'din it-triq il-blat jidher fil-wiċċ.

## Dwar il-kappella

Din il-kappella kienet issemmiet fil-vista pastorali li kien għamel f'Ħal Qormi Monsinjur Duzina fi Frar tal-1575. Iżda kienet fi stat ħażin ħafna fl-1601. Fis-sena 1634, tħalliet renta minn Paoluccio Galdes. Kienet issir quddiesa fil-jum tal-15 ta' Awwissu. Kull sena kienu jsiru għasar u quddies bil-kant. Anki fil-jum tal-festa tal-Milied, kienu jsiru tliet quddisiet. Il-piżijiet jitħallsu mill-qbiela li ġġib l-għalqa li fiha l-kejl ta' tomnejn raba' li qiegħda fit-triq tal-Imrieħel imsejħa 'Id-Dwejra', u li għandha ssir quddiesa kull nhar ta' Tnejn. Dawn ġew imħollija bħala dmir minn Paoluccio Galdes, kif jidher fl-atti tan-Nutar Lucio Azzopardi u għandu jieħu ħsiebhom il-prokuratur tal-legati tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi.

## Il-kappella tal-lum

Il-kappella li naraw illum inbniet fis-sena 1644. Kif tidħol f'din il-kappella tara l-altar bil-kurċifiss u sitt gandlieri. Jiddomina fuq dan l-altar hemm kwadru sabiħ ta' Santa Marija bl-anġli. Il-firma tal-pittur ma tidhirx f'dan il-kwadru. Iżda wieħed jista' jara kitba li tgħid: "Fundazione D'Galdies". Dan juri li dan il-kwadru titulari ta' Santa Marija ġie mħallas minn D'Galdies.

Imdawrin madwar ras il-Madonna, f'dan il-kwadru, hemm 12-il stilla. Dawn huma tal-fidda bbanjati bid-deheb. Dawn saru fl-1981 bit-tħabrik tal-Wisq Rev. Kanonku Dun Michael Zammit, SThLic, PhB, ARPhS (Lond.). Il-flus għal dawn l-istilel inġabru minn benefatturi Qriema ta' dawn l-inħawi ta' Fuq tal-Blat.

Hemm ukoll imdendlin mal-ħajt ta' din il-kappella l-erbatax-il kwadru tal-Via Sagra. U int u dieħel fuq ix-xellug, hemm niċċa żgħira fil-ħajt, fejn fiha hemm statwa tal-*Ecce Homo*.

Int u dieħel fuq il-lemin, hemm ukoll fonti tal-ilma mbierek. Dan huwa maħdum fl-irħam. F'din il-kappella wieħed jista' jara konfessinarju u bankijiet tal-injam, fejn fuqhom filgħaxija jkun hemm it-tfal jitgħallmu d-duttrina.

## It-tagħlim tad-duttrina

Tajjeb li wieħed jgħid, li din il-kappella tinżamm fi stat tajjeb ħafna u nadifa. F'din il-kappella jkun hemm kuljum it-tagħlim tad-duttrina mill-membri tal-Mużew. Dawn jgħallmu lit-tfal li jkunu waslu biex jagħmlu l-Ewwel Tqarbina. Ta' min ifaħħar id-dedikazzjoni ta' dawn ix-xebbiet tal-Mużew, li minn qalbhom u bi mħabba għat-tagħlim, jiddedikaw ħin ma' dawn it-tfal. Dan it-tagħlim isir taħt il-ħarsien tas-Superjura ħabrieka Marija Anna Mifsud.

## Is-sagristija

Din il-kappella għalkemm ċkejkna, għandha wkoll sagristija. F'din is-sagristija hemm gwardarobba fejn fiha jintrefgħu oġġetti meħtieġa għal din il-kappella. Din il-gwardarobba saret bit-tħabrik tal-W.R. Kan. Michael Zammit fl-1981. Dan kien l-istess Kanonku li rsista biex saru l-istilel ma' ras il-kwadru li diġà semmejt ta' din il-kappella.

Mal-ħitan ta' din is-sagristija hemm imdendla nkwatri. Dawn huma ritratti li juru l-kwadru titulari tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ Martri, kif ukoll San Ġorġ fit-tempju u quddiem l-Imperatur Dijoklezzjanu; kopji tal-kwadri oriġinali li hemm fil-kor tal-knisja arċipretali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Fuq il-bieb int u dieħel għal din il-kappella, hemm kwadru tal-Madonna tad-Duluri kif ukoll ta' San Ġorġ Preca, il-Fundatur tas-Soċjetà tal-Mużew. Biswit dan il-kwadru hemm ukoll kwadru ieħor tal-Qalb ta' Ġesù.

Insibu wkoll kurċifiss li hu sabiħ tassew. Insibu wkoll

raff żgħir fejn hemm merfugħ sett gandlieri u oġġetti ta' ħtieġa għal din il-kappella. F'din is-sagristija hemm ukoll latrina, kif ukoll taraġ. Biex titla' fuq, hemm dan it-taraġ li fih 22 tarġa. F'nofs dan it-taraġ hemm kwadru sabiħ tal-Appostlu Missierna San Pawl.

## Kamra fuq is-sagristija (jew għorfa)

Dan it-taraġ li semmejt iwasslek biex titla' għall-kamra fuq is-sagristija. Din il-kamra fiha wkoll gallarija żgħira tal-ħadid. Ġo din il-kamra jintrefa' d-damask li jintrama fil-festa ta' Santa Marija. Il-festa titulari ta' din il-kappella fil-preżent issir l-aħħar Ħadd ta' Awwissu. Minn din il-kamra, hemm tieqa li minnha biss tista' tmur għal fuq il-bejt minn ġo din il-kappella. La qiegħed insemmi l-bejt, tajjeb li ngħid li dan qiegħed mibni troll, jew aħjar nofs tond.

Fuq dan il-bejt, fix-xifer li jagħti għal barra hemm ħnejja bis-salib fuqha. Imdendla f'din il-ħnejja hemm qanpiena mdaqqsa. Fuq din il-qanpiena hemm l-isem "Giacomo". Il-qanpiena ssemma' leħenha biex issejjaħ lit-tfal għad-duttrina. Sintendi, issemma' leħenha wkoll fil-festa ta' Santa Marija li ssir f'din il-kappella kif ukoll f'xi okkażjoni speċjali.

Tajjeb ngħidu wkoll li l-arċipriet u l-kleru tal-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, nhar il-festa ta' Ħadd il-Palm, jagħmlu purċissjoni mill-parroċċa għal din il-kappella ta' Fuq tal-Blat u lura lejn il-knisja arċipretali.

Il-Kumitat Festi Esterni ta' San Ġorġ, wara l-festa ta' Santa Marija f'din il-kappella jagħmel fiera b'risq il-festa ta' San Ġorġ.

Taħt il-gwarniċun mal-faċċata ta' din il-kappella hemm niċċa tal-Madonna. Bejn in-niċċa hemm id-data 1646. Din il-kappella għandha wkoll zuntier.

## Statwa ta' Santa Marija

Ftit 'l isfel miz-zuntier ta' din il-kappella hemm statwa sabiħa ta' Santa Marija. Din minquxa fil-ġebla Maltija. Hija tassew ħasra li l-iskultur ta' din l-istatwa mhux magħruf. Iżda xorta waħda ħaqqu kull tifħir. Ir-residenti ta' madwar l-inħawi ta' Fuq tal-Blat jieħdu ħsieb sewwa din l-istatwa. Iżommuha fi stat tajjeb ħafna, kif ukoll ipoġġu xemgħa fil-post apposta.

B'digriet mogħti mill-Isqof Qormi Monsinjur Carmelo Scicluna, dan ikkonċeda 40 jum indulġenza lil min jgħid *Salve Regina* quddiemha. Dan id-digriet kien ħareġ nhar it-3 ta' Frar 1885.

## Patri Franġisk Antonju Rinaldet

F'din il-kappella ta' Santa Marija ta' Fuq tal-Blat jinsab midfun il-Serv t'Alla Patri Franġisk Antonju Rinaldet. Dan kien patri Franġiskan Konventwali.

Twieled il-Belt Valletta fl-1623. Daħal fl-Ordni Franġiskan tal-Minuri Konventwali fl-1641 meta kellu 18-il sena. Minn kmieni wera tjubija mhux komuni u għaraf jitħarreġ sewwa fil-virtujiet reliġjużi. Kien miżmum bħala ruħ qaddisa sew mill-poplu, kif ukoll fil-kunvent.

Minnu kienu jingħadu ħwejjeġ straordinarji. Fost l-oħrajn, jingħad li ċerta Grazzja, mart Ġorġ Vassallo, fl-aħħar jiem tat-tqala kienet batuta sew. Żewġha Ġorġ kellu stima kbira lejn dan il-Patri Franġisk Antonju. U b'ħerqa mar ifittxu fil-kunvent ta' San Franġisk, il-Belt Valletta. Daħal, u sabu fil-kor, mitluf f'estasi. U meta reġa' ġie f'tiegħu Ġorġ talbu bil-ħniena biex jitlob għal martu Grazzja.

Il-Patri qallu li ma kellux għalfejn jinkwieta ruħu. Qallu wkoll li martu kellha teħles tlett ijiem wara u kien se jkollha tifel. Kompla l-patri, "Dan jiġri sewwasew waqt li s-Salib tal-Kleru jkun ħiereġ mill-Konkatidral ta' San Ġwann għall-purċissjoni ta' *Corpus*".

Ġorġ mar lura f'daru b'moħħu mistrieħ u kollox seħħ kif kien qallu s-Serv t'Alla Patri Franġisk Antonju Rinaldet.

Meta l-pesta laqtet bla ħniena l-gzejjer tagħna, Patri Franġisk Antonju talab li jmur jagħti l-għajnuna tiegħu lill-ippestati u jqawwihom bil-konfront tar-reliġjon. Qabel ħalla l-kunvent sellem lill-patrijiet ħutu: "Niltaqgħu l-ġenna", qalilhom. U hekk kien, għax hu wkoll ġie milqut mill-marda ta' dawk li hu kien mar biex jgħin.

Patri Franġisk Antonju Rinaldet miet fil-Lazzaret fis-sena 1676 fl-età ta' 53 sena. Hu ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija tal-Blat, f'Ħal Qormi.

## Ngħożżu wirt missirijietna

F'Ħal Qormi, jew aħjar fil-Belt Pinto, insibu bosta kappelli u statwi. Dan juri ċar kemm missirijietna kellhom devozzjoni kbira lejn Alla, il-Madonna u l-qaddisin. Aħna lkoll għandna nkunu kburin b'dan il-wirt. Mhux biss kburin, imma wkoll fid-dmir, li bħalma missirijietna għaddewh lilna fi stat tajjeb ħafna, hekk ukoll aħna ngħadduh lil ta' warajna. B'hekk dan il-wirt storiku jibqa' jitgawda minn ġenerazzjoni għall-oħra.

## Referenzi:


"Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi Bil-Ġrajja Tagħha" p.152

"Il-Knisja Parrokajli ta' San Ġorġ Ħal Qormi" p. 141

Abela Ciantar pp 564-7 li jikkwota ukoll lil P. Cagliola

Ħajr lill-W.R. Alfons M. Sammut, S.Th.M.& D., O.F.M. Conv.